

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva “FOREVER” għal prodotti fil-klassijiet 3, 5, 30, 31 u 32 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5617089

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark Portugiża rreġistrata bin-numru 297697 tat-trade mark figurattiva “4 EVER”, għal prodotti fil-klassi 32

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 sa fejn il-Bord tal-Appell naqas milli: (i) jevalwa b'mod korrett il-prova tal-użu prodotta mill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell; (ii) jidentifika b'mod korrett id-differenzi għall-widna bejn it-trade marks kunfliġġenti; (iii) jidentifika b'mod korrett id-differenzi kunċettwali bejn it-trade marks kunfliġġenti; u (iv) jidentifika b'mod korrett id-differenzi viżivi bejn it-trade marks kunfliġġenti.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2011 — Evonik Industries vs UASI — Impulso Industrial Alternativo (Impulso creador)

(Kawża T-529/11)

(2011/C 362/28)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Evonik Industries AG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Albrecht, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Impulso Industrial Alternativo, SA (Madrid, Spanja)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-20 ta' Ġunju 2011 fil-Każ R 1101/2010-2; u

— tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark verbali “Impulso creador”, għal diversi prodotti u servizzi li fosthom jinsabu s-servizzi fil-klassijiet 35, 36, 37 u 42 — applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6146187

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-reġistrazzjoni għal trade mark Spanjola Nru 2633891 tat-trade mark figurattiva “IMPULSO”, għal servizzi fil-klassijiet 35 u 42; Ir-reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 4438206 tat-trade mark figurattiva “IMPULSO”, għal servizzi fil-klassijiet 35 u 42

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa parzjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell ma kkunsidrax b'mod korrett l-impressjoni ġenerali differenti tat-trade marks konfliġġenti.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2011 — Chivas vs UASI — Glencairn Scotch Whisky (CHIVALRY)

(Kawża T-530/11)

(2011/C 362/29)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Chivas Holding (IP) Ltd (Renfrewshire, ir-Renju Unit) (rappreżentant: A. Carboni, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Glencairn Scotch Whisky Co. Ltd (Glasgow, ir-Renju Unit)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks and Disinni) tal-14 ta' Lulju 2011 fil-Każ R 2334/2010-1, u tibgħat il-każ lura quddiem l-UASI sabiex dan ikun jista' jipproċedi; u

— tordna lill-konvenut u kwalunkwe intervenjenti f'dan l-appell ibatu l-ispejjeż tagħhom u dawk tar-rikorrenti, sostnuti f'din il-proċedura u kif ukoll dawk sostnuti fil-proċedimenti tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark verbali “CHIVALRY”, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 33, 35 u 41 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6616593

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: Reġistrazzjoni ta' trade mark tar-Renju Unit Nru 1293610 tat-trade mark figurattiva “CHIVALRY”, għal prodotti fil-klassi 33; Reġistrazzjoni ta' trade mark tar-Renju Unit Nru 2468527 tat-trade mark figurattiva “CHIVALRY SPECIAL RESERVE SCOTCH WHISKY”, għal prodotti fil-klassi 33; Trade mark verbali tar-Renju Unit mhux irreġistrata “CHIVALRY”, użata fl-ambitu tal-kummerċ fir-rigward tal-“Whisky”

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni parzjalment milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikoli 8(1)(b), 76(1) u 75 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell: (i) għamel b'mod żbaljat konstatazzjoni ta' fatt fir-rigward tal-karatteristiċi tal-pubbliku rilevanti u naqas milli jimmotiva din il-konstatazzjoni; (ii) sussidjarjament għall-ewwel motiv, wara li kkonstata li l-konsumatur rilevanti huwa “partikolarment konxju fir-rigward tad-ditta u leali lejn id-ditta”, naqas b'mod żbaljat milli jevalwa li dawn il-karatteristiċi jżidu l-attenzjoni tal-konsumatur rilevanti u għalhekk inaqqsu l-probabbiltà ta' konfużjoni; (iii) naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni linji gwida importanti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja u adotta l-approċċ żbaljat meta qabbel it-trade marks; (iv) identifika b'mod żbaljat il-kelma “CHIVALRY” bħala l-element viżwalment dominanti tat-trade mark preċedenti u kkonkluda b'mod żbaljat li l-ħames elementi figurattivi u verbali l-oħra għandhom rwol sekondarju; (v) assuma b'mod żbaljat li t-tqabbil fis-smiġħ tat-trade marks seta' jsir bl-istess mod bħat-tqabbil viżiv; u (vi) evalwa b'mod żbaljat probabbiltà ta' konfużjoni.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2011 — Hultafors Group vs UASI — Società Italiana Calzature (Snickers)

(Kawża T-537/11)

(2011/C 362/30)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hultafors Group AB (Bollebygd, l-Isvezja) (rappreżentanti: A. Rasmussen u T. Swanstrøm, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Società Italiana Calzature SpA (Milano, l-Italja)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-9 ta' Awwissu 2011, fil-Każ R 2519/2010-4; u

— tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tatterzi persuni, inkluż dawk sostnuti matul l-appell u l-proċedimenti ta' oppożizzjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva bl-abjad u bl-iswed “Snickers”, għal prodotti fil-klassijiet 8, 9 u 25 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 3740719

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: reġistrazzjoni ta' trade mark Taljana Nru 348149 tat-trade mark “KICKERS”, għal prodotti fil-klassijiet 3, 14, 16, 18, 24, 25, 28, 32 u 33

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa għall-prodotti kollha inkwistjoni

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell assuma b'mod żbaljat li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn l-applikazzjoni għat-trade mark u t-trade mark ikkontestata.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2011 — Fundação Calouste Gulbenkian vs UASI — Gulbenkian (GULBENKIAN)

(Kawża T-541/11)

(2011/C 362/31)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Fundação Calouste Gulbenkian (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: G. Marín Raigal, P. López Ronda u G. Macias Bonilla, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Micael Gulbenkian (Oeiras, il-Portugall)